VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,900, 10 ta' April, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 115 tal-2012**

**ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)**
**ATT DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 504)**

**Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28(1) tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u bl-artikoli 2, 61, 64 u 66 tal-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Prim Ministru u l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u skop.

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li Jemendaw ir-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika tal-Ilma hawn aktar 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.20

(2) Dawn ir-regolamenti jittrasponu l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2009/31/KE dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttivi 85/337/KEE, 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Il-paragrafu (j) tas-subregolament (3) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subparagrafi (v) u (vi) tiegħu għandhom jiġu enumerati mill-ġdid bħala s-subparagrafi (vi) u (vii) rispettivament; u

(b) minnufih wara s-subparagrafu (iv) tiegħu, għandu jiżdied il-paragrafu ġdid li ġej:

"(v) injezzjoni tal-fluss tad-dijossidu tal-karbonju għall-finijiet tal-ħżin f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali ma jkunux adatti b'mod permanenti għal finijiet oħra, kemm-il darba din it-tip ta' injezzjoni ssir skont
L.S. 504.109 ir-Regolamenti dwar il-Ħżin Ġeoloġiku tad-Dijossidu tal-Karbonju, jew tkun eskluża mill-applikabbiltà ta' dawk ir-regolamenti skont ir-regolament 2(2) ta' dawk ir-regolamenti;".

VERŻJONI ELETTRONIKA



**L.N. 115 of 2012**

## MALTA RESOURCES AUTHORITY ACT
## (CAP. 423)
## ENVIRONMENT AND DEVELOPMENT PLANNING ACT
## (CAP. 504)
## Water Policy Framework (Amendment) Regulations, 2012

IN exercise of the powers conferred by article 28(1) of the Malta Resources Authority Act and by articles 2, 61, 64 and 66 of the Environment and Development Planning Act, the Prime Minister and the Minister for Resources and Rural Affairs, after consultation with the Malta Resources Authority and the Malta Environment and Planning Authority, have made the following regulations:-

Citation and scope.

S.L. 423.20

**1.** (1) The title of these regulations is the Water Policy Framework (Amendment) Regulations, 2012, and these regulations shall be read and construed as one with the Water Policy Framework Regulations, hereinafter referred to as "the principal regulations".

(2) These regulations transpose Article 32 of Directive 2009/31/EC on the geological storage of carbon dioxide and amending Directives 85/337/EEC, 2000/60/EC, 2001/80/EC, 2004/35/EC, 2006/12/EC, 2008/1/EC and Regulation (EC) No 1013/2006.

Amends regulation 11 of the principal regulations.

**2.** Paragraph (j) of sub-regulation (3) of regulation 11 of the principal regulations shall be amended as follows:

(a) items (v) and (vi) thereof shall be renumbered as items (vi) and (vii) respectively; and

(b) immediately after item (iv) thereof, there shall be added the following new paragraph:

S.L. 504.109

"(v) injection of carbon dioxide stream for storage purposes into geological formations which for natural reasons are permanently unsuitable for other purposes, provided that such injection is made in accordance with the Geological Storage of Carbon Dioxide Regulations, or excluded from the applicability of those regulations pursuant to regulation 2(2) of those regulations;".

---

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata — *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.09